MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 234/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ronald Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ronald Galea talli:

(1) F'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Lulju 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew

sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ tmienja u sittin elf, disa’ mija u hamsin euro (€68,950) (konvertiti f’Lm29,600) ghad-dannu ta’ CMA-CGM Agencies Worldwide (Malta) Ltd.;

(2) Fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe` ha u zamm ghandu l-ammont ta’ tmienja u sittin elf, disa’ mija u hamsin euro (€68,950) (konvertiti f’Lm29,600) ghad-dannu ta’ CMA-CGM Agencies Worldwide (Malta) Ltd.;

(3) Fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, billi ghamel uzu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta’ qligh, kiteb fuqha xi haga li kienet ta’ hsara ghal persuna ohra jew, bl-istess hsieb, zied fuq karta mhix in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola;

(4) Fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(5) Fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falza;

(6) Fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

(7) Fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz;

(8) F'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Gunju 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita` tieghu ta' General Manager ta' CMA-CGM Agencies Worldwide (Malta0 Lt, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd, u dan sabiex huwa jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

(9) B'hekk sar recidiv a terminu ta' l-artikolu 49 *et sequitur* tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 25 ta' Ottubru 2005.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 23B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmi Ronald Galea ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Lulju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmi Ronald Galea u wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 308, 309, 310(1)(a), 293, 294, 297, 183, 184, 185(2), 186, 115(a) u 121 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre l-Qorti ordnat l-interdizzjoni generali perpetwa ta' l-imsemmi Ronald Galea ai termini ta' l-artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-24 ta' Lulju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' htija izda tirrevoka l-piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin u minflok tinfliggi piena karcerarja effettiva skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa fis-sens li l-ewwel Qorti, ai termini ta' l-artikolu 28A(7)(b) tal-Kodici Kriminali, ma setghetx timponi sentenza sospiza fejn l-appellat (allura imputat) kien recidiv u ghalhekk il-piena kellha tkun ta' prigunerija effettiva.

L-appellat, tramite d-difensur tieghu l-Avukat Dottor Joseph Giglio, irribadixxa illi l-ewwel Qorti setghet timponi sentenza sospiza ta' prigunerija in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 52 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jiddisponi testwalment hekk:
"Ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, fil-kundanni dwar delitti ohra, ma jitqisux il-kundanni moghtija ghal delitti maghmulin b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila f'sengha jew professjoni, jew minhabba nuqqas ta' hars ta' regolamenti, u *vice versa*."

Dan ifisser li l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli fejn id-delitt li ghalih persuna tkun diga` giet ikkundannata jkun wiehed involontarju. Fil-kaz in ezami jirrizulta illi l-appellat kien instab hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-25 ta' Ottubru 2005 talli fis-7 ta' Settembru 2003 ghall-habta tat-8.00 p.m. fi Triq tal-Barrani, limiti taz-Zejtun, saq vettura nru. CBK-261 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, habat ma' *traffic lights* u involontarjament ikkagunalhom hsarat ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta. Ta'

dan huwa gie kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' Lm10 u kellu l-licenzja tieghu sospiza ghal tmint ijiem. Konsegwentement, ghalkemm l-appellat gie akkuzat b'recidiva, kien applikabbli biss l-artikolu 49 u mhux ukoll l-artikolu 50. Dan ifisser illi l-ewwel Qorti, wara li wkoll giet infurmata mill-prosekuzzjoni illi l-appellat kien hallas ghas-saldu l-ammont dovut lis-socjeta` fuq imsemmija, setghet timponi sentenza sospiza ta' prigunerija.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' prigunerija jibda jiddekorri millum. Inoltre, jekk dan ghadu ma sarx, tordna li, permezz tar-Registratur, is-sentenza tal-kundanna ghall-interdizzjoni generali perpetwa tigi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern a spejjez ta' l-appellat. Fl-ahharnett tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28B ta' l-istess Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------